# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar, 2020

**Numru 1**

**Rikors Numru 60/20TA**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-numru 1732/2019 fl-ismijiet:-**

**Vincent Gauci (ID 708445M)**

**vs**

**Dr. Albert Fenech (ID 817451 M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Professur Albert Fenech tal-20 ta' Jannar 2020, liema rikors ġie presentat abbażi tal-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Jannar 2020;

Rat it-tweġiba ta' Vincent Gauci tat-30 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2020;

Rat li rikors tħalla għal digriet għal-lum.

**Ikkunsidrat**

Fis-semplicita' tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1732/2020 fl-istess ismijiet peress li l-ammont li għalih inħareg il-mandat, ma hux dovut skont is-Sentenza li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2019. Ir-rikorrent jsostni li l-ammont mitlub bħala imgħaxijiet mhux dovut għaliex ma ġiex kannonizzat bis-Sentenza imsemmija bħal ma kien il-kapital. Dan isostnih anke b'referenza għad-digriet in camera tal-Qorti tal-Apell tas-6 ta' Novembru 2016.

Min-naħa tiegħu Vincent Gauci jsostni, minkejja d-dokumenti esebiti (ara a' fol 3 sa 6), li l-imgħax huwa dovut għaliex l-ewwel Qorti, tajjeb jew ħażin, laqgħet it-talbiet kollha tiegħu li fosthom kien hemm dik għall-imgħax, anke jekk dik il-Qorti ma provdietx għalih speċifikament fid-decide. Skont hu, l-imgħax għalhekk għandu jkun ikkalkulat bit-8% mid-data tad-deċiżjoni tal-prim istanza u ċioe' mit-23 ta' Ottubru, 2013. Fi ftit kliem, kull parti qed tagħti l-interpretazzjoni dwar l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza inkwantu jirrigwarda imgħax fuq il-kapital likwidat.

Din il-Qorti qabel xejn tagħmel referenza għall-ermenewtika lokali dwar l-applikazzjoni tal-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward issir referenza għall-pronunzjament fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 226/14 fl-ismijiet **Anthony Charles John Cassar et vs Carmen**

**German et deċiż fis-6 ta' Mejju 2016** fejn b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati dwar din il-materja intqal hekk:

*"… ... fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana**, **deċiża fil-5 ta' Mejju 2005 per Onor. Imħ. Joseph R. Micallef:** "Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skont il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba ikun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma (*vide *ukoll **Joseph Spiteri vs Anthony Perry et digriet interlokutorju deċiż fl-14 ta' Novembru 1994**).*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011*** u kkonfermata fl-appell intqal hekk*:*

*"... ... l-għan li għaliha ddaħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd iehor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra".*

Minn dan kollu jirrisulta li ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat, b'dana illi l-istess Qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Artikolu 274 tal-Kap.12. (ara **Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Pace vs Sultana**).

Il-Qorti għalhekk eżaminat l-atti ta' dan ir-rikors biex setgħet tasal għall-konklużjoni jekk, fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali inkwistjoni, il-pretensjonijiet tar-rikorrent Professur Albert Fenech humiex ġuridikament fondati fid-dawl li qed jipprova jesperita r-rimedju taħt l-artikolu 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn imkien ma jirrisulta, li dan il-mandat inħareg *"minn Qorti żbaljata"* jew li huwa effett minn *"xi difett fil-forma".* In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa dwar jekk dik is-Sentenza tinkludix l-imgħaxijiet jew le. Din hija kontroversja li tolqot is-sustanza tas-Sentenza li saret referenza għaliha. Li kieku din il-Qorti kellha tidħol fil-konsistenza ta' Sentenza bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet, fir-rejalta' din il-Qorti tkun qed taġixxi lil hinn mill-mansjonijiet lilha fdata mill-artiklu inkwistjoni b'mod li kważi kważi tkun qedgħa tarroga lilha nnifisha mansjonijiet ġurisdizzjonalment riservati għall-qorti ta' revizjoni bħal ma hi dik tal-appell.

Ir-rimedju li għandu disponibbli għalih ir-Rikorrent huwa dak li jattakka dan il-mandat permezz ta' kawża propja. Jekk irid jimpunja l-esekuzzjoni ta' Mandat, irid jipproċedi skont l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Di fatti fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et deċiża fis-7 t'April 2009 mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef** intqal: *"Illi l-prattika stabbilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura."*

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħdha tipprovdi dwar ir-rikors tal-Professur Albert Fenech tal-20 ta' Jannar, 2020 billi tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fih u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra li jista' jkollu skont il-liġi.

Bl-ispejjes fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**